MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 250/2008

Kawza fil-lista: 30

**B A**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fit-3 ta' Dicembru 1998, il-partijiet ftehmu, *inter alia*, li, filwaqt li l-kura u kustodja tat-tifel taghhom E li twieled fil-11 ta' Frar 1991, tkun wahda kongunta, il-minuri jibqa' jghix ma' l-attrici, filwaqt li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala parti mill-manteniment dovut lilha l-ispejjez medici ta' natura straordinarja, u l-ispejjez edukattivi kollha; li l-attrici kienet giet informata li l-minuri kien ibati minn 'borderline traits of dyslexia' u li

skond l-psikologa Natasha Barthet kien ibati kemm minn dyslexia kif ukoll minn dyscalculia; li bil-kunsens tal-konvenut, minn Settembru 2002 sas sena 2004, it-tifel attenda skola go Tenerife, filwaqt li sussegwentement, wara li kien gie lura Malta, intbaghat fil-*boarding school* ta' Millfield gewwa l-Ingilterra minhabba l-*learning disabilities* li kellu; li l-konvenut naqas milli obbligi kontrattwali tieghu meta naqas, salv ghal zewg pagamenti, milli jhallas l-ispejjez edukattivi ammontanti komplessivament ghas-somma ta' €109,992.29 skond dokumenti RG5 sa RG33 annessi mar-rikors promotur; ghalhekk qed titlob li:

[1] Previa kull dikjarazzjoni rikjesta skont il-ligi, tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa obbligat illi jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni tal-minuri E, ai termini tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejn il-kontendenti, datat 3 ta' Dicembru 1998, fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella, inkluz dawk tal-lezzjonijiet privati u l-ispejjez kollha relatati ma' l-attendenza tal-minuri gewwa The Internation British Yeoward School, Tenerife u Millfield School, l-Ingilterra, fejn il-minuri beda jattendi, bi qbil bejn il-partijiet u fl-ahjar interess ta' l-istess minuri, sussegwentement ghad-data ta' l-imsemmi kuntratt;

[2] Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-ispejjez edukattivi tal-minuri f' dawn l-ahhar snin, illi l-konvenut baqa' ma hallasx lill-attrici, fl-ammont ta' mija u disat elef, disgha mija u tnejn u disghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€109,992.29), jew somma ohra verjuri;

[3] Tikkundanna konsegwentement lill-konvenut ihallas lill-attrici dina s-somma hekk likwidata;

Bl-interessi mid-data ta' meta l-ammonti gew inkorsi mill-attrici, u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-atti tal-medjazzjoni, u tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet B A vs C D (mandat numru 55/2008/GCD), u ta' kull att sussegwenti, kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa:

1. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress li, fl-ewwel lok, l-eccipjenti mill-bidu nett ghamilha cara li jekk l-attrici kienet ser tibghat lil binhom minorenni E D gewwa skola barra minn Malta, hu kien ser ihallas biss l-ekwivalenti ghal dak li kien qieghed ihallas ghall-istruzzjoni ta’ l-istess ibnu gewwa Malta. Il-ftehim bejn il-partijiet kien dejjem li kwalunkwe differenza bejn l-ammont li kien ihallas il-konvenut u dak li kienet ser tikkontratta l-attrici kellha tigi ssupportata mill-istess attrici.

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-fatt illi l-istanti kien obbliga ruhu, fuq il-kuntratt ta’ firda personali bejn il-kontendenti, li jhallas lill-attrici l-ispejjez kollha konnessi mal-edukazzjoni ta’ binhom E, bl-ebda mod ma jfisser li huwa obbliga ruhu li jhallas ghall-ispejjez kollha li l-attrici jfetlilha tinkorri.

3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attrici emigrat ghal xi snin gewwa Tenerife mat-tieni ragel taghha, u kienet hi li ghazlet li tiehu lil binha minorenni E maghha. Dan qabel ma ddecidiet ghal ragunijiet li taf hi, li tibaghtu l-Ingilterra.

4. Fir-raba’ lok, l-ispejjez addizzjonali li dahlet ghalihom l-attrici ma kienux affattu necessarji ghall-istess minuri, stante li dan seta’ jircievi edukazzjoni adegwata f’ Malta minghajr spejjez inutli u trawmi zejda ghall-istess E.

5. Salv okkorrendo, risposti ulterjuri premessi mil-Ligi u jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lilha s-somma ta’ €109,992 rapprezentanti spejjez ta’ l-edukazzjoni tat-tifel minuri E skond il-klawsola numru 3[iv] tal-kuntratt tas-

separazzjoni personali ffirmat mill-partijiet fid-data fuq indikata.

Minn naha tieghu l-konvenut isostni li hu m' ghandux jghati dak l-ammont lill-attrici, stante li kien gie milhuq ftehim bejn il-partijiet fis-sens li, jekk l-attrici tibghat lill-minuri go skola barra minn Malta, hu kellu *"jhallas biss sa l-ekwivalenti ghal dak li kien qed ihallas ghall-istruzzjoni ta' l-istess ibnu gewwa Malta"*, filwaqt li d-differenza kellha tigi sopportata mill-attrici; li l-obbligu kontrattwali tieghu ma kienx ikopri *"l-ispejjez kollha li l-attrici jfetlilha tinkorri"*; u inoltre, l-ispejjez addizzjonali li kienet dahlet ghalihom l-attrici ma kienux affattu necessarji ghall-istess minuri *"stante li dan seta' jircevi edukazzjoni adegwata f' Malta, minghajr ispejjez inutili u trawmi zejda ghall-istess E*".

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jiddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti.

Fit-3 ta' Dicembru 1998 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni li permezz tieghu ftehmu, *inter alia*, li bhala parti mill-manteniment dovut ghall-minuri lill-attrici mill-konvenut, dan kellu jhallas *"for all extraordinary fees and expenses related to the son's health, and for all expenses in so far as the son's education is concerned, including and without prejudice to the generality of the foregoing, for school fees, donations, uniforms, books, transport costs, private lessons and extra curricular activities, and for all items that are necessary and required for the minor to be able to carry out his secondary education."*[1]

Illi l-kura u kustodja 'legali' tal-minuri baqghet kongunta, filwaqt li gie deciz li l-istess minuri jibqa' jghix ma' l-attrici. Sussegwentement l-attrici regghet izzewget wara li kienet ottjeniet id-divorzju. Sadanittant, il-minuri kien jattendi l-kullegg ta' St.Edward's f' Malta.

Illi lejn l-ahhar tas-sena 2002 l-attrici u zewgha ddecidew lli jemigraw lejn Tenerife u jibdew hajja gdida hemmhekk, u ghalhekk kienu nformaw lill-konvenut b' din id-decizjoni

[1] Fols.11-12

peress li kienet tinvolvi li l-minuri jbiddel l-iskola tieghu u jibda jattendi l-iskola f' Tenerife.

Illi, ghalkemm il-konvenut kien ta l-kunsens tieghu, il-partijiet iffirmaw skrittura privata fit-22 ta' Lulju 2002 quddiem in-Nutar Kristel Chircop, li permezz taghha huma qabblu li l-minuri kellu jirrisjedi ma' l-attrici gewwa Tenerife, u li l-konvenut kellu jibqa' jhallas ghall-ispejjez edukattivi *"the sum of LM300 per term payable every term in advance in respect of E's educational expenses in his country of residence. Any educational costs in excess of this amount shall be at the charge of [plaintiff]."*[2]

Illi f' Settembru 2002 l-attrici emigrat lejn Tenerife fejn damet sas-sena 2004 meta regghet giet lura Malta, bir-rizutlat li t-tifel rega' beda jattendi l-imsemmi Kullegg. Jidher li l-minuri kien mar hazin fl-ezamijiet lokali.

Illi l-attrici minn rajha nkarigat lill-Psikologa Nathasha Barthet sabiex tezamina t-tifel peress li dan ma kienx sejjer tajjeb fl-iskola. Il-psikologa rriskontrat li t-tifel kellu kemm dyslexia, kif ukoll dyscalculia; u ghalhekk l-attrici ddecidiet li tibghat lit-tifel go *boarding school* l-Ingilterra sabiex jinghata attenzjoni specjali. Il-konvenut ma oggezzjonax u f' Settembru 2005 il-minuri beda jattendi l-iskola ta' Millfield fejn dam sa Dicembru 2008.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li meta hija u zewgha kienu ddecidew li jemigraw lejn Tenerife, huma hadu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li dan kien ser ikun ta' gid ukoll ghat-tifel minuri li f' dak iz-zmien ma kienx sejjer tajjeb fl-iskola. Tghid li *"Number one"* riedet tbiddel l-ambjent fejn tghix; riedet ukoll tipprova l-hajja fi Spanja, u *"thirdly"* il-minuri ma kienx sejjer tajjeb fl-iskola f' Malta. Rigward ir-raguni tar-ritorn tghid li hija kienet *"homesick"* u wkoll il-minuri baqa' ma jmurx tajjeb fl-iskola.

---

[2] Vol.4 – fol.461 – Kopja taghha giet prezentata mal-affidavit tal-konvenut fl-udjenza quddiem l-assitent gudizzjarju tal-21 Ottubru 2010. Fis-seduta tat-13 Jannar 2011, id-difensur tal-konvenut wera lill-kontro parti u lill-assistant gudizzjarju l-origina ta' dan id-dokument [Fol.591].

Tghid li l-konvenut kien ta l-kunsens tieghu.

Illi wara li kienet inkarigat psikologa li ccertifikat li t-tifel kellu *learning disabilities*, hija ddecidiet li tibaghtu go *boarding school* gewwa l-Ingilterra. Il-konvenut ma oggezzjonax. L-attrici tispjega li dan il-pass ittiehed fl-interess tal-minuri sabiex tinghatlu l-ghajnuna necessarja biex jimxi fl-edukazzjoni tieghu. Tghid li t-tifel ma baqghax imur f' dik l-iskola peress li hi ma setghetx tlahhaq ma' l-ispejjez.

Hija tinnega li kien hemm xi ftehim kif sostnut mill-konvenut, fis-sens li dan kien obbligat biss li jhallas l-ispejjez edukattivi sa certu limitu biss, filwaqt li l-kumplament kellu jigi sopportat minnha. Tispjega li hi kienet hallset l-ispejjez peress li f' dak iz-zmien l-attur kellu problema ta' likwidita', u dan bl-intiza li meta jirkupra finanzjarjament huwa kellu jirrifondi lilha l-ispejjez imhallsin minnha.

L-attrici tghid li l-konvenut kien waqaf ihallas l-ispejjez edukattivi tat-tifel mis-sena 2002; u wara, kien hallas biss l-ispejjez tal-kullegg ta' St.Edwards; kif ukoll zewg kontribuzzjonijiet ghall-ispejjez relatati ma' l-iskola Millfield, u dan biex l-attrici ma tinkorrix fil-penali.

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jilmenta li, fil-konfront tal-minuri, l-attrici kienet l-ewwel tiehu d-decizjonijiet hi, imbaghad kienet tinfurmah bihom. Hekk gara meta hi waheda ffirmat il-kuntratt ma' Millfield School, kif ukoll meta kienet inkarigat lil Psikologa Natasha Barthet.

Minn naha tieghu, il-konvenut jsostni li t-tifel ma kellu ebda learning disability, izda kien biss ghazzien fl-iskola, u l-attrici ma kellhiex pacenzja toqghod mieghu sakemm jaghmel il-homework. Inoltre, bl-emigrazzjoni lejn post Spanjol, l-attrici kompliet tesponi lit-tifel ta' eta' zghira [ 9 snin] ghal nuqqas drastiku ta' kontinwita' f' dik li hija sistema akkademika u l-hajja li jkun dara. Wara r-rapport tal-psikologa, it-tifel kien juza` l-iskuza tal-*learning disability* biex ma jistudjax.

Il-konvenut isostni li ma kinitx tezisti n-necessita' li t-tifel jintbaghat l-iskola Millfield fl-Ingilterra; ghax kull ma kellu bzonn kien attenzjoni ndividwali li setghet tinghata lilu lokalment. Ghalhekk id-decizjoni ta' l-attrici li terga' tizradika lit-tifel mill-ambjent tieghu, biex tibghatu go boarding school fl-Ingilterra ma kinitx mehtiega fl-interess tal-minuri, anzi kompliet tharbet il-hajja edukattiva tieghu.

Jghid ukoll li, ghalkemm huwa fiz-zewg okkazzjonijiet, kien ta l-kunsens tieghu sabiex it-tifel jattendi skola barra minn Malta, huwa kien ghamel hekk ghax meta kienet kellmitu l-attrici huwa kien sab *fatto computo*, u noltre ma riedx li jgharraq ir-relazzjoni tieghu mat-tifel billi jimpedih milli jattendi skola barra minn Malta. Jghid pero' li *"mill-bidunett ghamilha cara"*[3] li jekk l-attrici kienet ser tibghat lit-tifel skola barra min Malta, huwa kien ser ihallas biss l-ekwivalenti ta' dak li kien iqieghed ihallas Malta. Jispejega, b' referenza ghall-klawsola 3[iv] tal-kuntratt ta' separazzjoni, li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jaghti *blank cheque* lill-attrici rigwardanti l-ispejjez edukattivi.

Il-konvenut jichad l-allegazzjoni li hu ma kienx ihallas l-ispejjez edukattivi, u jispjega li hu dejjem hallas skond il-ftehim kif jirrizulta mill-isktrittura privata, u l-attrici qatt ma oggezzjonat ghal dan. Barra minnhekk hu ma kellux il-fondi necessarji sabiex jhallas l-ispejjez oltre l-ammont miftiehem; tant, li meta hallas zewg ammonti ta' £8,722.25 u £9,467.56 sabiex jghin lill-attrici biex ma tehilx il-penali, huwa kellu jissellef dawn l-ammonti minghand is-siehba tieghu kif jirrizulta mix-xhieda taghha sostnuta bi provi dokumentali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut, stante li din hi, fic-cirkostanzi aktar verosimili u noltre hi sostnuta minn provi adegwati.

Is-segwenti osservazzjonijiet huma opportuni:

[3] Vol.1 – fol.103

[1] Illi l-Qorti taccetta bhala veritiera t-tezi tal-konvenut li, meta fil-kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fit-3 ta' Dicembru 1998, huwa kien accetta li jhallas l-ispejjez kollha edukattivi u ncidentali ghall-edukazzjoni tal-minuri, l-hsieb u l-intenzjoni tieghu kienu limitati ghall-ispejjez edukattivi nkorsi lokalment. Hija kredibbli l-verzjoni tal-konvenut li hu ma kellux il-hsieb li jaghti *blank cheque* lill-attrici dwar l-edukazzjoni tat-tifel. Inoltre fil-kuntratt ma kien hemm xejn x' jindika l-kuntrarju; u l-hsieb ta' l-emigrazzjoni lejn Tenerife sar circa tlett snin wara l-iffirmar tal-kuntratt.

[2] Illi l-verzjoni tal-konvenut rigwardanti l-ezistenza ta' ftehim bejn il-partijiet, li jimponi l-limitu ghal-spejjez edukattivi li jkunu dovuti minnu fil-kaz li l-minuri jattendi skola barra minn Malta, hija kemm verosimili, kif ukoll sostnuta minn provi adegwati.

Il-konvenut jispjega li huwa kien accetta li t-tifel jibda jattendi l-iskola barra minn Malta, kemm f' Tenerife kif ukoll fl-Ingilterra, bil-kondizzjoni li l-ammont dovut minnu jkun limitat ghas-somma ta' LM300 [illum €699] kull term. Dan huwa verosimili fic-cirkostanzi, u huwa wkoll sostnut b' qawwa bil-prova dokumentali konsistenti fi skrittura privata ffirmata, quddiem nutar, xahar qabel ma' l-attrici u zewgha [tat-tieni zwiegha] emigraw lejn Tenerife.

Fix-xhieda tagha l-attrici tghid li ma kinitx tiftakar bl-ezistenza ta' l-iskrittura, izda ghalkemm kopja ta' l-iskrittura kienet giet prezentata meta l-istadju tal-provi ma kienux ghadu maghluq, ma sarx xejn da parti taghha biex tattakka l-genwinita' tal-iskrittura, jew tikkontesta l-firma taghha fuq l-istess. Izda kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li cahdet li hi kienet iffirmat l-iskrittura u li din kienet giet *"prodotta jew ottenuta frawdolentement"* mill-konvenut.

F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-kuntratti, anke dawk privati, iffirmati minn nutar, ghandhom il-prezunzjoni tal-validita', u ghalhekk jispetta lil min qed jattakka l-validita' ta' dak l-att sabiex juri l-kuntrarju; bhal per ezempju, bil-

produzzjoni bhala xhud tan-nutar li ffirma l-att, kif ukoll bit-talba ghall-hatra ta' espert kaligrafu dwar il-firma. Dan ma sarx, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiskarta din il-prova dokumentali daqshekk importanti fuq semplici asserzjonijiet u kongetturi da parti ta' l-attrici.

[3] Inoltre, din il-Qorti tosserva li ma tirrizultax mill-provi n-necessita' li t-tifel kellu jintbaghat jistudja barra minn Malta biex jilhaq certu standard fl-edukazzjoni.

[4] Illi rigward il-hlas ta' l-ispejjez edukattivi ekwivalenti ghall-ammont li l-konvenut kien ihallas lokalment, l-attrici tghid li dawn kienu jithallsu, ghalkemm b' diffikulta' tenut kont tal-pozizzjoni finanzjarja prekarja tal-konvenut.[4]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici, in kwantu ghat-talba tal-hlas ta' spejjez edukattivi arretrati da parti tal-konvenut huma ngustifikati fil-fatt u fid-dritt u ma jimmeritawx li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Vol.2 – 356-359